Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 444/2018

Il-Pulizija

(Spettur Elliot Magro)

Vs

Anthony Farrugia

Illum 30 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Farrugia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 468259(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi, akkużat talli:

> Bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att, naqas sal-ħmistax –il jum tat-tieni xahar jiġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żminijiet ta' taxxa relattivi li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi (1) id-denunzja, flimkien mal-ħlas dovut,li sar dovut għall-perjodu li ntemm fil-31 ta' Awwissu 2014 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66, 76 (c) u 76 (d) ta' l-Atta XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Novembru, 2018 fejn wara li rat l-Artikoli 27, 76(c)(d)

tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' tmien mitt Euro (€800).

Il-Qorti, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-istess Kapitolu 406 ordnat lill-imputat sabiex fi żmien tlett xhur jikkonforma ruħu mal-liġi u fin-nuqqas jeħel multa oħra ta' ħames Euro (€5.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Farrugia, ppreżentat fis-17 ta' Diċembru, 2018, fejn talab lil Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat illi matul is-seduta datata t-3 ta' Lulju 2020 din il-Qorti awtorizzat lill-Avukat Ġenerali jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet u dan bil-jedd għar-risposta tal-appellant.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali datata t-13 ta' Awwissu 2020.

Rat ukoll in-nota responsiva ipprezentata mill-appellant.

Ikkunsidrat:

Illi huwa fatt inkontestat illi l-appellant naqas illi jibgħat id-denunzji relattivi lid-Dipartiment tal-Taxxa fuq il-Valur Mizjud għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Awwissu 2014 fejn lanqas ma tħallas l-erarju pubbliku dovut in konnessjoni mal-istess denunzji. Dak li jikkontesta l-appellant, madanakollu, huwa illi gjaldarba l-Kummissarju tat-Taxxi ghandu l-jedd jimponi multa amministrattiva ghan-nuqqas tieghu mill-jikkonforma ruhu mal-ligi huwa ser jispicca jigi pprocessat u jehel piena ghal dan in-nuqqas ghal aktar minn darba bi vjolazzjoni ghalhekk tal-prinċipju tan-*ne bis in idem.*

Issa huwa fatt inkontestat ukoll illi l-Kummissarju tat-Taxxi ma nhieda ebda procedura fil-konfront ta'l-appellant fit-termini tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta ghal imposizzjoni ta' multa amministrattiva. Jishaq madanakollu l-appellant, illi l-fatt wahdu li l-Kummissarju ghand il-jedd jipprosegwi kontra tieghu kif inghad iwassal ghal ksur tal-principju ta' *ne bis in idem.* Illi inoltre l-multa amministrattiva li l-Kummissarju ghandu il-jedd jimponi ma tista' qatt teccedi l-ammont ta' €250 u dan in segwitu ghall-emendi li dahhlu fis-sehh permezz ta'l-Att II tal-2009.

Illi fis-sentenza Angelo Zahra vs L-Onorevoli Prim Ministru[1] saret referenza ghal dak li kkonkludiet l-Qorti Ewropea fid-decizjoni *Engel and others vs the Netherlands*[2] fejn stabbilit dak li ghandhom jkunu il-kriterji li jikostitwixxu 'a criminal charge', kif gew citati fid-decizzjoni *Ruotsalainen vs Finland*[3]:

> ***"43. The Court's established case-law sets out three criteria, commonly known as the "Engel criteria" (see Engel and Others vs the Netherlands, 8 June 1976, Series A no. 22), to be considered in determining whether or not there was a "criminal charge". The first criterion is the legal classification of the offence under national law, the second is the very nature of the offence and the third is the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The second and third***

[1] Qorti Kostituzzjonali – 18/07/2017 Rks. Nru 62/15
[2] No 5100,71 23.11.1976. A22
[3] 13079/03, ECHR (16.06.2009)

***criteria are alternative and not necessarily cumulative. It is enough that the offence in question is by its nature to be regarded as criminal or that the offence renders the person liable to a penalty which by its nature and degree of severity belongs in the general criminal sphere (see: " Ezeh and Connors vs the United Kingdom [GC"], nos. 39665/98 and 40086/98, § 86, ECHR 2003-X). The relative lack of seriousness of the penalty cannot divest an offence of its inherently criminal character (see: "Ozturk vs Germany", judgment of 21 February 1984, Series A no. 73, § 54, and "Lutz vs Germany", judgment of 25 August 1987, Series A no. 123, § 55). This does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see, as recent authorities, "Jussila vs Finland [GC]", no. 73053/01, §§ 30-31, ECHR 2006-..., and "Ezeh and Connors", cited above, § 82-86)."***

**"Insibu illi:**

***"The notion of 'criminal' is however an autonomous one. So when the court is satisfied that the first decision before it is 'final', it must also address whether it was 'criminal' for the purpose of Article 4. Here it looks to the 'general principals concerning the corresponding words "criminal charge" and "penalty" respectively in Articles 6 and 7 of the Convention'. It has regard to such factors as 'the legal classification of the offence under national law: the nature of the offence, the national legal characteristics of the measure, its purpose, nature and degree of severity, whether the measure was imposed following conviction for a criminal offence and the procedures involved in the making and implementation of the measure'. As the Court has noted this range of 9 No 5100,71 23.11.1976. A22 10 13079/03, ECHR (16.06.2009) Rik. Kost. 62/15 12 criteria is wider than that used in the Engel for article 6 of the Convention."***

Fil-fatt il-qrati kostituzzjonali fid-decizjonijiet taghhom *in subiecta materia* stabbilew dan it-test u dan meta strahu fuq l-insenjament tramandat mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

**"...... l-punti krucjali li ghandhom jigu ezaminati sabiex jigi determinat jekk il-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tal-attur humiex lezivi tad-dritt tieghu kontemplat fl-artikolu fuq citat huma: [a] jekk il-multi amministrattivi jikkwalifikawx bhala multi ta' natura penali imposti bl-iskop punittiv sabiex jservu bhala deterrent u, [b] jekk dawk il-multi kienux diga` gew imposti**

**fuq l-attur u kinux ghadhom pendenti meta ttiehdu l-proceduri kriminali kontra tieghu.[4]"**

Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha cahhdet din il-linja difenzjonali imqanqla mill-appellant quddiemHa u dan meta strahet fuq l-insenjament gudizzjarju imfassal fis-sentenza fl-ismijiet **David Mifsud vs. Onor. Prim Ministru et**[5].

**"… f'kaz recenti Grande Stevens v. Italy, il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti enuncjazzjonijiet dwar dan id-dritt fundamentali:**

***"'220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. …….***

***"'221. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings [see Sergey Zolotukhin, cited above, § 84]…. administrative sanctions may, for the purposes of the application of the Convention, be qualified as criminal sanctions [see paragraph 61 above]. Further, in its Åklagaren v. Hans Åkerberg Fransson judgment, on the subject of value-added tax, the ECJ stated that, under the ne bis in idem principle, <u>a State can only impose a double penalty [fiscal and criminal] in respect of the same facts if the first penalty is not criminal in nature</u>"[6]…[sottolinear ta' din il-Qorti]***

**"74. Imiss issa li jigi ezaminat jekk giex vjolat id-dritt fundamentali tal-attur, li ma jigix sentenzjat jew kastigat darbtejn ghall-istess fatti, bit-tehid ta' proceduri penali kontra tieghu meta kienu diga imposti fuqu multi amministrattivi minn naha tal-Kummissarju.**

**"75. Jirrizulta kif ben osservat l-ewwel Qorti, illi l-Kap. 406 jikkontempla li persuna registrata li tonqos milli tipprezenta d-**

[4] Anthony P. Farrugia vs Onor Prim ministru et – Qorti Kostituzzjonali 08/05/2017
[5] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-24 ta' Ġunju 2016
[6] Applic. No 18640/10; **Grande Stevens v. Italy**, 7 ta' Lulju 2014.

**denunzji fil-hin, tehel multi amministrattivi sostanzjali u imghax fuqhom. Ukoll jinsab assodat fil-gurisprudenza Ewropea kostanti in materja illi, in kwantu l-multi amministrattivi jew penalitajiet u l-imghax fuqhom huma intizi sabiex iservu ta' deterrent u bhala mizuri punitivi u kemm-il darba dawn ikunu f'ammonti sostanzjali allura jikkwalifikaw bhala 'criminal penalty'.**[7]

**"76. Huwa dan il-fattur ta' konkorrenza tal-multi amministrattivi u multi imposti mill-qrati kriminali li seta' jwassal ghall-vjolazzjoni tal-principju tan-ne bis in idem.**

**"77. …….. fil-fehma ta' din il-Qorti dak li huwa vjolattiv tal-principju tan-ne bis in idem mhumiex il-proceduri kriminali wahedhom izda l-fatt li dawn il-proceduri kienu ttiehdu fl-istess zmien li fih il-Kummissarju kien diga impona fuq l-attur multi amministrattivi sostanzjali ghall-istess nuqqas li kien jifforma l-mertu tal-proceduri kriminali".**

Illi mfassal dan it-taghlim gurisprudenzjali ormai rassodat, jirrizulta lil Qorti mill-atti processwali illi l-appellant ma giex mitlub ihallas multa amministrattiva minn naha tal-Kummissarju tat-Taxxi u allura wisq anqas hallas l-istess u dan wara li baqa' inadempjenti fid-dmirijiet tiegħu skont il-ligi, la qabel ma gew istitwiti l-proceduri penali odjerni u lanqas fil-kors ta'l-istess.

Ma jistax jinghad ghalhekk illi jirrizultaw xi proceduri ohra pendenti jew decizi kontra l-appellant fuq l-istess fatt precedenti, konkomitanti jew sussegwenti ghall-istituzzjoni ta' dawn il-proceduri. Lanqas ma jista' jippretendi l-appellant li din il-Qorti tapplika l-prinċipju tan-*ne bis in idem* favurih fl-astratt u dan ghaliex tezisti l-possibilita' li jittiehdu xi proċeduri ta' natura amministrattiva fil-konfront tiegħu.

Illi fuq kollox l-multa amministrattiva imponibbli taħt il-Kapitolu 406 għall-ksur in dizamina ma tista' qatt jeżorbita l-ammont ta' €250 li kwindi, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma tistax tigi definita bhala' multa sostanzjali fit-termini tal-pronunzjamenti ewropej *in materia.* Jingħad għal kull buon fini illi a differenza ta' dan il-każ, fil-każ ta' Mifsud, hawn fuq iccitat, kien hemm

[7] Vide fost ohrajn Ozturk v. Germany App No 8544/79 [1984] u Ruotsalainen v. Finland App No 13079/03 [2009] u Grande Stevens v. Italy

proċedura amministrattiva li kienet fis-seħħ u li kienet għada pendenti meta huwa tressaq quddiem il-qorti, liema proċeduri kienu jittrattaw l-istess fatti u fejn l-imputat f'dik il-procedura kien obbligat li jħallas eluf kbar rappreżentanti kemm taxxi kif ukoll imgħaxijiet fil-proċedura amministrattiva li konsegwentement ħadu s-sembjanza ta' multa punitiva u penali. F'dan il-każ dan ix-xenarju ma jirriżultax fejn konsegwentement l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet magħmula minnha in sostenn ta' din l-interpretazzjoni huma korretti u ser jiġu kkonfermati mill-ġdid minn din il-Qorti.

Jinghad finalment illi illum l-legislatur haseb sabiex ma tinsorgiex l-kwistjoni dwar il-vjolazzjoni tal-principju tan-*ne bis in idem*, u dan in linja mal-pronunzjamenti maghmula mill-Qorti Kostituzzjonali meta l-artikolu 83(3) tal-Kapitolu 406[8] gie mhassar permezz ta'l-Att VII tal-2019. B'hekk illum ma jistghux jittiehdu proceduri kriminali b`istanza tal-Kummissarju tat-Taxxi kontra l-persuna registrata, jekk jirrizulta li jkun ikkommetta reat skont l-Art 76 u dan meta tkun giet imposta xi multa amministrattiva. Dan ifisser illi l-Kummissarju, illum, stante illi hemm pendenti dawn il-proceduri penali ma jistax jimponi ebda multa amministrattiva ulterjuri fil-konfront tal-appellant ghal vjolazzjoni tal-ligi li dwaru huwa gie ipprocessat quddiem il-Qorti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha bit-terminu indikat ta' tlett xhur fit-termini ta'l-artikolu 76 tal-Kap. 406, jibda' jiddekorri mil-lum.
(ft) Imhallef

Vera Kopja
Joyce Agius
Deputat Registratur

[8] Il-bidu ta` procedimenti jew l-imposizzjoni ta` piena ghal xi reat taht din it-Taqsima ma ghandhomx jehilsu lil xi persuna minn prosekuzzjoni taht xi ligi ohra jew mill-obbligu ta` hlas ta` xi taxxa jew penali amministrattiva li ghandha jew li jista` jkollha taht dan l-Att u l-bidu ta` procedimenti jew l-imposizzjoni ta` xi piena ghal xi reat taht xi ligi ohra jew il-hlas ta` xi taxxa jew penali amministrattiva taht dan l-Att ma ghandhomx jehilsu lil xi persuna minn xi prosekuzzjoni jew piena taht din it-Taqsima.